MALTA

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT**
**DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 2 ta' Ġunju 2020**
**(Distrett Qawra)**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Godwin Scerri)**
**(Spettur Paula Ciantar)**

**vs**

**Zeiad Mohamed A. Abuzoda**
**(ID: 115350A)**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra **Zeiad Mohamed A. Abuzoda** li ġie akkużat talli:

Nhar l-24 ta' Jannar 2020, fil-hinijiet ta' filghaxija gewwa Triq il-Kahli, San Pawl il-Bahar, ikkaguna hsara volontarja fuq proprjetà immobbli bl-isem ta' Cafeteria Tirignau, ghad-detriment ta' Daniela Ene;

Akkuzat ukoll talli bejn l-20 u t-22 ta' Dicembru 2019, f'diversi hinijiet differenti, fi Triq il-Mosta, San Pawl il-Bahar, b'diversi atti maghmulin minnu izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, ikkaguna hsara volontarja ghad-detriment ta' Darryl Borg Cardona u Christopher Borg Cardona;

Akkuzat ukoll talli fid-dati, postijiet, hin u cirkostanzi msemmija qabel, ingurja jew hedded lil Roberta Caruana, Giuseppe Coria, Darryl Borg Cardona u Christopher Borg Cardona;

Akkuzat ukoll talli fid-dati, postijiet, hin u cirkostanzi msemmija qabel, kiser il-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat jew b'mod iehor;

Akkuzat ukoll talli fid-dati, postijiet, hin u cirkostanzi msemmija qabel, f'lok pubbliku jew miftuh ghall-pubbliku kien fi stat ta' sakra b'mod li ma setax jiehu hsieb tieghu nnifsu;

Akkuzat ukoll talli fid-dati, postijiet, hin u cirkostanzi msemmija qabel, kiser il-kundizzjonijiet tal-libertà provizorja hekk kif imposti lilu nhar it-8 ta' Jannar 2019 mill-Qorti Kriminali preseduta mill-Imhallef Consuelo Scerri Herrera LL.D.

Akkuzat ukoll talli fid-dati, postijiet, hin u cirkostanzi msemmija qabel, ikkommetta reati waqt il-perjodu operattiv ta' probation u dan ai termini tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenza deciza nhar il-11 ta' Marzu 2019 mill-Magistrat Dr. Donatella Frendo Dimech LL.D.

Akkuzat ukoll talli fid-dati, postijiet, hin u cirkostanzi msemmija qabel, ikkommetta reati waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza moghtija nhar il-11 ta' Marzu 2019 mill-Magistrat Dr. Donatella Frendo Dimech LL.D. bi ksur tal-Artikolu 28B et tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkonsidra lill-akkuzat bhala recidiv ai termini tal-Artikoli 49, 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex tipprovdi ghas-sigurtà tal-imsemmija Roberta Caruana, Daniela Ene, Giuseppe Coria, Darryl Borg Cardona u Christopher Borg Cardona u tapplika l-provedimenti tal-Artikolu 412C tal-Kodici Kriminali u tohrog Ordni ta' Protezzjoni taht dawk il-kawtieli li din il-Qorti jidhrilha li huma xierqa.

Semghet ix-xhieda;

Rat id-dokumenti;

Semghet lill-imputat jirregistra ammissjoni fis-seduta tal-lum, liema ammissjoni giet ikkonfermata wara li l-Qorti spjegatlu l-pieni abbinati mar-reati imputati u wkoll illi l-imputazzjoni dwar il-ksur tal-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest igib mieghu il-konfiska tas-somma ta' garanzija u wkoll l-ordni tar-riarrest tieghu;

**Ikkunsidrat:**

Illi wara li l-Qorti semghet l-ammissjoni tal-imputat u rat il-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni hija konvinta sal-grad li trid il-ligi li l-imputazzjonijiet gew kollha sodisfacentement ippruvati.

Illi ai fini ta' piena il-Qorti hadet in konsiderazzjoni kemm il-fedina penali tieghu però wkoll l-ammissjoni tieghu f'dan l-istadju tal-proceduri u wkoll il-fatt li l-imputat hu lest li jaghmel tajjeb ghad-danni kkawzati minnu lill-kwerelanti. Illi in vista tal-fedina penali tal-imputat il-Qorti ma tista' thares lejn l-ebda piena ohra hlief dik ta' prigunerija effettiva. Illi hawnhekk il-Qorti hija disposta li in vista tal-ammissjoni, ghalkemm mhux daqshekk bikrija, u in vista li l-imputat lest li jaghmel tajjeb ghad-danni, tmur lejn il-minimu tal-piena. In oltre, b'applikazzjoni ta' artikolu 28B (2) tal-Kodici Kriminali, in vista li l-imputat qieghed jiehu r-responsabbilita` li jaghmel tajjeb ghad-danni kagunati minnu u li se jitlef ammont sostanzjali ta' ewro li kienu jaghmlu tajjeb ghall-helsien mill-arrest tieghu, il-Qorti se tkun qieghda tastjeni milli tordna li s-sentenza sospiza tal-11 ta' Marzu 2019 tigi reza operattiva. L-istess qieghda taghmel ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-Ordni ta' Probation tal-11 ta' Marzu 2019 u dana sabiex taghti lill-imputat l-opportunita` li kompli jigi segwit minn ufficjal tal-Probation.

**DECIDE**

Ghaldaqstant il-Qorti, wara li rat artikoli 18, 49, 50, 325 (1) (b), 338 (ff), 339 (e), 579 tal-Kodici Kriminali, tiddikjara lill-imputat Zeiad Mohamed A Abuzoda hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tieghu u:

1. Tikkundannah ghal tmien (8) xhur prigunerija, li minnhom ghandu jitnaqqas iz-zmien li l-hati ghamel taht arrest preventiv;
2. Tikkundannah ukoll ghall-hlas ta' multa ta' mitt ewro (€100);
3. Tirrevoka l-helsien mill-arrest moghti lill-hati mill-Qorti Kriminali fit-8 ta' Jannar 2019 u tordna l-arrest mill-gdid tieghu. In oltre l-Qorti tordna l-konfiska tas-somma mpoggija bhala garanzija fl-ammont ta' tlett elef ewro (€3000) u li din ghandha tghaddi favur il-Gvern ta' Malta;
4. In oltre, ai termini tal-artikolu 532A tal-Kodici Kriminali tordna lill-hati sabiex fi zmien tnax (12)-il xahar minn meta jiskonta l-piena relatata ma' din is-sentenza huwa jhallas lil Darryl Borg Cardona is-somma ta' disa' mija u hamsa u ghoxrin ewro (€925) u lil Daniela Ene is-somma ta' elf, mitejn u erba' ewro (€1204);
5. Ghar-ragunijiet spjegati iktar 'il fuq taghzel li ma titrattax mal-imputat ghall-imputazzjoni numru sebgha (7) u tmienja (8).

Fl-ahharnett, tohrog Ordni ta' Protezzjoni fir-rigward ta' Roberta Caruana, Daniela Ene, Giuseppe Coria, Darryl Borg Cardona u Christopher Borg Cardona u dan skont il-kundizzjonijet elenkati fid-digriet moghti kontestwalment u li jifforma parti integrali minn din is-sentenza.

**Dr. Charmaine Galea**
**Maġistrat**

Diane Gatt
Deputat Reġistratur